MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2011

Rikors Numru. 271/2011

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrent li permezz tieghu r-rikorrent pprezenta u talab hekk:

Illi l-partijiet izzewgu nhar l-14 t’ April 1988 u dan kif inhu evidenzjat mic-certifikat taz-zwieg hawn annes;

Illi frott ta’ dan iz-zwieg twieldu erba’ wlied u cioe’ Rennie, Melvin, Clayton u Christopher;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati ghal aktar minn erba’ snin u kif jirrizulta mill-kuntratt ta’ separazzjoni vigenti bejniethom datat l- 10 t’Awwissu 2000 u redatt fl-Atti tan-Nutar Dr Nicolette Vella;

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom *stante* illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabtiet ma' persuni ohrajn;

Illi l-partijiet iddekadew mid-dritt ta' manteniment reciproku skond l-istess kuntratt ta' separazzjoni personali u ghalhekk l-ebda manteniment m'hu dovut;

Illi r-rikorrent assenja u trasferixxa gratwitament lill-erba' wlied Rennie, Melvin, Clayton u Christopher b'mod ugwali bejniethom nofs sehem indiviz tad-dar gia konjugali bil-garaxx f'semi basement level, u cioe' nofs sehem mid-dar u l-garaxx bla numru ufficjali u li jinsabu gewwa Triq Robert Mifsud Bonnici gewwa Hal Lija, liema trasferiment kien meqjus bhala s-somma globali ta' manteniment da parti tar-rikorrent versu wliedu filwaqt li kwalunkwe manteniment iehor versu l-istess ulied ghandu jithallas mill-intimata (ara klawsola 5ª ta' l-insemmi kuntratt ta' separazzjoni);

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib ta' divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant ir-rikorrent, umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja d-divorzju ossia l-hall taz-zwieg bejniet il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien specifiku u indikat mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat l-att tal-kawza;

Semghet il-partijiet bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi dak premess u mitlub jinsab sodisfacentement provat, u ghalhekk it-talbiet attrici jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi, tilqa' t-talbiet tar-rikorrent; u tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet; u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-decizjoni tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------